



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Settembru 2014
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0266 (NLE)

13489/14
ADD 1

EEE 71
ESPACE 71
ENV 775
COMPET 531

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 577 final Anness 1
Suġġett:	ANNESI DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru.../2014 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet għall- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fi Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (programm Copernicus)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 577 final Anness 1.

Mehmuż: COM(2014) 577 final Anness 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2014
COM(2014) 577 final

ANNEX 1

ANNESSI

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru.../2014
li
temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra
mill-erba' libertajiet

għall-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fi Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni
f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet
(programm Copernicus)

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE nru.../2014

li

**temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tiġi estiża għall-Ftehim ŻEE biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jstabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010¹.
- (2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 377/2014 jibdwu mill-1 ta' Jannar 2014 anke jekk din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-tweġġ tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, jiġi nnotifikat wara l-10 ta' Lulju 2014.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati biex jipparteċipaw fl-attivitajiet li jibdwu qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.
- (4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li jmiss jiddaħħal wara l-paragrafu 8c fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

¹ ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44.

- ‘8d. (a) Mill-1 ta’ Jannar 2014, l-Istati tal-EFTA jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-Att tal-Unjoni li ġej:
- **32014 R 0377**: Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).
- (b) L-Istati tal-EFTA jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet msemmijin taħt (a) skont l-Artikolu 82(1)(a) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim.
- (c) L-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta’ Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mill-bidu tal-azzjoni taħt il-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati sakemm id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../2014 tal-... tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.
- (d) L-Istati tal-EFTA jipparteċipaw b’mod sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-kumitati kollha tal-Unjoni li jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija f’(a).
- (e) Dan il-paragrafu ma japplikax għan-Norveġja u l-Liechtenstein.’

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Huwa japplika mill-1 ta’ Jannar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.]